Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,526, 24 ta' Ottubru, 2025
Taqsima B

A.L. 257 tal-2025

ATT DWAR S-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IX-XOGĦOL
(KAP. 646)

Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Ħaddiema mir-Riskji relatati mal-Espożizzjoni għall-*Carcinogens, Mutagens* jew *Reprotoxic Substances* fuq il-Post tax-Xogħol

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 45 tal-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol, il-Ministru responsabbli għas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Ħaddiema mir-Riskji relatati mal-Espożizzjoni għall-*Carcinogens, Mutagens* jew *Reprotoxic Substances* fuq il-Post tax-Xogħol u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Ħaddiema mir-Riskji relatati mal-Espożizzjoni għall-*Carcinogens*, *Mutagens* jew *Reprotoxic Substances* fuq il-Post tax-Xogħol, hawn aktar 'il-quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali".

L.S. 646.14.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa li jittrasponi ulterjorment id-Direttiva (UE) 2019/130 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li temenda d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol.

Jemenda l-Iskeda I li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fl-Iskeda I li tinsab mar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-partita 6 għandhom jiġu miżjuda l-partiti ġodda li ġejjin:

"7. Xogħol li jinvolvi espożizzjoni tal-ġilda għal żjut minerali li ntużaw qabel f'magni b'kombustjoni interna sabiex jillubrikaw u jberrdu l-partijiet li jiċċaqilqu fil-magna.

8. Xogħol li jinvolvi espożizzjoni għal emissjonijiet tal-egżost minn magni diżil.".